**Il-5 ta' Lulju 2024-**Mixja minn ħdejn il-Black Pearl Ta' Xbiex.

Min jixtieq jattendi għandu jibgħat messaġġ lil John Trapani fuq 99443481.

**It-12 ta' Lulju 2024–** Dawra bid–dagħajsa bl-ikel. Min irid jista' jgħum ukoll. Xorb mhux inkluż, imma tistgħu ġġibu magħkom. Nitilqu miċ-Ċirkewwa fl-16.30. Mal-booking għidulna x'ser tieklu-Chicken thighs jew laħam. Jekk ikollna biżżejjed bookings, nagħmlu 2 dgħajjes. Aħsbu ftit qabel.

**Prezz 30€. Tfal 20€. Ibbukkjaw permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387**

**Id-19 ta' Lulju 2024-**Il-picnic tradizzjonali ħdejn il-kappella ta' Dingli Cliffs.

Ġibu d-dawl, l-ikel, siġġu u mejda. Ħin 20.00. Kunu hemm qabel.

**Is-26 ta' Lulju 2024–**Birthday Celebrations ġewwa **Bistro 516** il-Valletta Water Front. Ħin:20.00. Prezz:26€. **Booking permezz ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387.** L-ordni tal-ikel tittieħed dak il-ħin.

**Menu: starters-** Bruschetta jew soppa jew Salad Caprese

Main–Chicken fillet jew Fenek jew Swordfish jew Full rack of ribs jew Beef Stroganoff.

ATTIVITAJIET LULJU 2024

Dalwaqt-Gozo by night fejn ikollna l-Calyso Train.

Booking għad-dagħajsa hu miftuħ.

**Grazzi lil dawk il-membri li ma jħallu lil ħadd waħdu. Dan hu s-sapport li nemmen fih jien.**

Infakkarhom li għal dawn it-3 xhur li ġejjin se nibqgħu niltaqgħu barra. Ġewwa Project House, jekk ma jinqala xejn, nirritornaw f'Ottubru.

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

Fuljett ta' kull xahar




Volum 26
Ħarġa 07
Lulju 2024

**Skond il-fehma tiegħi,** għandna nkunu kuntenti b'dak li għandna jew b'fejn wasalna imma m'għandniex nikkuntentaw u nieqfu hemm. Kuntenti u nikkuntentaw huma differenti. Għandna nibqgħu noħolmu. Għandna nkunu deċiżi li nagħmlu għada aħjar mil-lum. Min ikun kuntent biss b'fejn wasal jew b'dak li għandu, jista' jagħti l-kas li jidħol f'ħajja medjokri jew jaqbad it-triq tan-niżla.

Atleta tajjeb dejjem jipprova jtejjeb il-ħin li jagħmel f'tellieqa. Kieku jikkuntenta bil-ħin li jkollu jista' jieqaf hemm. Hija x-xewqa li dejjem inkunu aħjar li hija importanti. Kantant tajjeb dejjem jipprova jilħaq aktar udjenżi u jkollu aktar suċċessi. Però biex jagħmel hekk ikollu jittrenja, jittrenja bħal ma jagħmel ukoll l-atletà.

Aħna r-romol għandna t-tendenza li nieqfu noħolmu. Nifhem li jidħlu d-dubji u tidħol il -biża'. Iva ħbieb tiegħi, id-dubji jwasslu għall-biża'. Biża' li nistgħu jaw f'xi deċiżjoni li nieħdu. Biża' li nitilfu dak li għandna. Il-biża' li twaqqfek fil-mixja tiegħek biex tagħmel għada aħjar mil-lum. Xbajt nara romol li jpoġġu lil ħaddieħor qabilhom u jinsew lilhom infushom. Dan hu ħażin għax aħna importanti wkoll. Jekk nieqfu aħna, ikun waqaf kollox. Wieħed għandu jkun realistiku fil-ħolm li joħlom. Il-ħolm irid ikun realistiku. Xejn mhu faċli, imma aħna kapaċi.

**Imma issa li aħna romol, fuq xiex nistgħu noħolmu?** Din domanda li ġieli ħsibt fuqha. Il-ħolm li qed nirreferi għalih jien mhux il-ħolm ta' mal-lejl. Jiena ġieli ħlomt li jien l-aqwa plejer tad-dinja. Meta nistenbaħ nibda nħoss l-uġigħ ma' ġismi kollu u malajr ninduna li kienet biss ħolma.

Il-ħolm li jinteressa lili huwa dak li jkollok idea jew xewqa li taħdem fuqha biex twettaqha. Snin ilu ħlomt li nagħmel ktieb. Kelli nagħmel bosta sagrifiċċji biex wasalt. Kont kuntent bil-kitbiet tiegħi imma ma kkuntentajtx. Ridt li dawn il-kitbiet jinġabru fi ktieb. Ħlomt ħolma realistika u wasalt. Il-ħolm jista' jkun ħolm żgħir. Iġġib il-liċenzja u tibda ssuq. Tibda ssajjar. Tibda tlaħħaq mal-affarijiet tad-dar. Kun kuntent li taf taqli bajda imma tikkuntentax. Kun deċiż u sajjar xi ħaġa akbar għax int għandek dritt u dover li tiekol tajjeb. Hekk jonqos, tnaqqas mill-ikel għax ormolt. Ġibt eżempji żgħar biex nifthemu.

*Ikompli f'paġna 2*

Ħa nkompli ftit ieħor. Meta normlu, jista' jagħti l-kas li nħossuna inferjuri. Dan huwa ħażin għax aħna m'aħna inferjuri għal ħadd. Jista' jagħti l-kas li nieqfu niżviluppaw il-ħiliet tagħna, anke dawk il-ħiliet bażiċi. Dan huwa ħażin għax huwa d-dritt u d-dover tagħna li nkabbru l-ħiliet u l-għerf tagħna.

Bħala kumitat, nixtiequ li norganizzaw aktar żjarat kulturali sabiex inkuna nafu x'toffri Malta tagħna. Nemmen li tajjeb ferm li nżuru pajjiżi barranin u nfaħħru t-tradizzjonijiet li għandhom. Imma aħna l-Maltin għandna t-tradizzjonijiet sbieħ ukoll. Anke bħala romol, għandna ħafna tajjeb ukoll u le ma spiċċax kollox.

Li ormolna kienet bidla li ma ridniex. Imma ġrat. Daqqa kbira ferm. Ma nagħmluhiex daqqa akbar aħna stess billi nieqfu noħolmu għax inġibu skuża li issa aħna ħajjitna spiċċat. Le! Ħajjitna ma spiċċatx. Fadlilna x'naqdfu. Fadlilna x'noħolmu.

Mhux qiegħed ngħid li kollox faċli. Anzi kunu preparati għal ħajja diffiċli fejn trid taqdef waħdek, f'baħar li ħafna drabi se jkun imqalleb. Għal ħaddieħor ikun baħar kalm u aħna romol inħossuħ baħar imqalleb. Irridu naqdfu aktar b'saħħitna anke f'dawk il-mumenti meta saħħa ma jkollniex. Il-ħajja hekk hija għal kulħadd. Magħna r-romol il-ħajja kienet aktar iebsa. Li ġara, ġara. Il-passat miktub. Il-futur ħadd ma rah. Il-preżent, imma, huwa tagħna u ejja ma naħluhx.

Inutli li noqodgħu ninħlew fi ħsibijiet u domandi iebsa li ma jkollomx tweġiba. Naf li bħala bnedmin tad-demm u l-laħam mhux faċli li nwarrbu ċerta ħsibijiet minn moħħna, imma kunu għafu li dawn il-ħsibijiet kontinwi, problemi biss joħolqu. Dawn il-ħsibijiet anke lil-ħolm jirbħu.

**Ejja nkomplu naqdfu! Ejja nkomplu noħolmu għax jiena ċert li għada se jkun aħjar mil-lum. It-telf fil-ħajja huwa normali u se jiġri dejjem. Kunu kuntenti li qed tilagħbu imma tikkuntentawx li qed tilagħbu biss. Aħna rridu nilagħbu tajjeb u nirbħu għax għalkemm romol aħna xorta nies li rridu nirbħu. Din m'għandhiex tkun ħolma biss. Din għandha tkun realtà. Li nkomplu noħolmu li għada se jkun aħjar mill-lum hija l-unika triq 'il quddiem.**

**Kuraġġ ħbieb.**

**Victor.**

**Il-Borma.**

U hekk kienet ħajjitna fuq ix-xogħol fis-snin '70; fil-binja Palazz tal-Kumpanija, f'nofs il-Belt Valletta.

Tliet tfajliet fit-typing pool. Jien, Myriam u Joyce; it-tlieta bil-ħolm taż-żgħożija. U hekk kif jieqaf it-tektik tat-typewriters, dlonk id-diskors jaqa' fuq id-dar li qed narmaw, il-libsa tat-tieġ, il-kors ta' Kana, u l-preparamenti għal dik il-ġurnata wisq mistennija tat-tieġ.

"X'se tagħmlu fil-break", staqsiet Myriam. Fil-pront weġibthom b'entużjazmu kbir:

"Jien sejra niġbor l-aħħar borma tas-sett".

Għax din kienet l-aħħar u l-akbar borma tas-sett tal-Agostina. Għadda l-break u dħalt kburija, kburija bil-borma, ħriġtha minn ġol-basket, kbira ġmielha, tleqq u bi tletin se-na garanzija!

"Ruħi binti, kemm se ssajjarlu minestra lil Joseph ġo fiha", qaltli Myriam tidħaq kemm tiflaħ u tferfer idejha! U aħna komplejna niċċaċraw, magħha. "Issa sew, illum ma nistax neħodha miegħi, għax irrid noħroġ wara x-xogħol" għedtilhom.

Qabżet fil-pront Joyce, "Mur għamilha fil-Board Room. Dil-ġimgħa m'hemmx laqgħat". U jien hekk għamilt. U l-borma ppakkjata sabet postha fuq il-filing cabinets.

L-għada kif wasalt ix-xogħol, insib lil kulħadd jistenna barra .

" X'ġara?" staqsejt "Bomb Scare" qal xi ħadd, "Hawn tal-Forzi Armati qed iduru l-binja". Fil-pront joħroġ wieħed mid-diretturi u indirizza lilna t-tlieta. "Jekk jogħġobkom, xi ħadd minnkom ħalla xi basket kbir fil-Board Room?" Sirt ħamra nar u ridt l-art tiblagħni; "Iva...Sur Gauci...xtrajt Borma, u ma stajtx noħodha d-dar ilbieraħ", weġibtu nlaqlaq.

Is-Sur Gauci sar aħmar aktar minni u kif dar biex imur jagħti l-aħbar lill-oħrajn smajnieh jidħaq kemm jiflaħ u jgħidilhom.

"Ma kinitx bomba, imma borma!"

**Tanya Debono**